# *Tinsiex, Publius, Tinsiex* ta' Kilin – Kapitlu 5



**Kisba 11.** Nidentifika ġeneri letterarji differenti.

**Kriterju tal-Assessjar 11.3 b.** Nevalwa kif l-għażla tal-kliem u t-tħaddim tiegħu f'test letterarju jikkontribwixxu għal effett unitarju.

## Taħriġ- Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. a. **Imla l-vojt b'żewġ eżempji:**

Kilin fil-bidu tal-kapitlu jagħtina rakkont tal-vjaġġ bil-baħar f'tempesta b'hekk juża r-reġistru (vokabolarju magħżul) tal-baħħara bħal _________________ u ___________________ .

b. **Kompli s-sentenzi:**

Huwa juża wkoll kliem marbut mal-elementi u mat-temp bħal ________________ _______________________ u kliem marbut mal-biża' tan-nies fuq il-ġifen bħal _____________________________________

ċ. Meta mħalltin mal-aħħar reġistru msemmi x'effett u x'ton joħolqu l-ħsibijiet ta' Publius?

*"Publius beda jistaqsi lilu nnifsu jekk kienx ikun aħjar kieku jitfgħu l-ankri sakemm jisbaħ. Imma tgħid, ħaġa bħal din ma kienx ħasibha l-kaptan? Kemm kien twil il-lejl!"*

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

d. Xi stil ta' kitba joħloq Kilin permezz ta' dawn ir-reġistri mħaddmin flimkien bil-mod partikolari tagħhom? Spjega.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________



2a. Kilin fir-rakkont tiegħu juża espessjonijiet li huwa jieħu mill-ħajja ta' kuljum tagħna l-Maltin, bħal "*marret għajnu bih*", "*nfetħu bwieb is-sema*", "*ixxarrab għasra*" u "*iswed faħma*." X'effett joħloq dan l-użu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Kieku l-awtur ma użax dawn l-espressjonijiet taħseb li l-qari kien jibqa' daqshekk effettiv?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3a. Kilin juża t-teknika tas-similitudni wkoll f'dan il-kapitlu. Ikkwota eżempji fejn din it-teknika qiegħda tintuża.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Spjega l-effett li s-similitudni toħloq fir-rakkont.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. X'inhu l-istil ta' kitba li l-awtur joħloq billi jħaddem tekniki bħas-similitudni u idjomi Maltin?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5a. Is-sentenzi li ġejjin, meħudin mill-ewwel paragrafu tal-kapitlu jinkludu teknika partikolari. Spjega liema hi.

*"Ħass madwaru l-baħrin jiġru mal-gverta ... Xi ħadd kien qiegħed jgħajjat, jordna lil kulħadd biex jidħol fil-kabina ... Max-xefaq tal-punent Publius ra strixxa bjuda mċajpra ... Berqa qawwija għammxitlu għajnejh u fl-istess ħin faqqgħet ragħda ttarrax."*



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Spjega xi stil u x'effett joħolqu waqt il-qari.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6a. Fis-sentenzi li ġejjin jispikkaw żewġ tipi ta' reġistri li huma relatati mal-ismijiet. Spjega liema huma u kkwota l-kliem li jiffurmaw parti mir-reġistru partikolari.

*"It-tmunier ipponta ras il-mirkeb lejn il-bokka tal-Port tax-Xitwa. Fuq ix-xellug kien għoddu ntefa n-nar fuq Ras il-Ħġejjeġ. ... l-istatwa tar-rħam ta' Minerva iddiet imdiehba fl-ewwel imrieżaq tax-xemx. Il-baħrin sellmulha ... bit-tama li tħarishom mill-qilla ta' Neptun, l-għadu antik tagħha."*



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. Spjega x'effett joħolqu dawn ir-reġistri fil-qari tat-test.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________